# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, l-Erbgħa 13 ta' April, 2016

**Kawża Numru 6 (Kost.)**

**Rik. Nru. 57/15JRM**

Perit Daniel **MICALLEF** u Dr Lydia Abela fil-kapaċita' rispettiv tagħhom ta' President u Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista u għan-nom u fl-interess tal-istess Partit Laburista

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**; is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura, u Gvern Lokali; Partit Nazzjonalista, kif rappreżentat minn Dr Simon Busuttil u Rosette Thake; Claudette Buttiġieġ, Frederick Azzopardi u Edwin Vassallo; Profs. Edward Scicluna, Joe Debono Grech, Dr Justyne Caruana; Kummissjoni Elettorali; u Reġistratur tal-Qrati, għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti *nomine* talbu li din il-Qorti (a) ssib li ġarrbu

ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") meta l-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza mogħtija minnha fid-29 ta' Mejju, 2015 fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Partit Nazzjonalista et vs Kummisjoni Elettorali et*" (Rik. Kost. Nru. 26/13) fil-kors tad-deliberazzjonijiet tagħha, ċaħdet eċċezzjoni ta' ġurisdizzjoni li oriġinarjament tqanqlet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-istess imsemmija kawża maqtugħa fil-5 ta' Frar, 2015; u (b) tagħti d-direttivi u ordnijiet kollha xierqa u meħtieġa biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali msemmija. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2015, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissjoni Elettorali fl-1 ta' Lulju, 2015, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma kienet taħti bl-ebda mod għal xi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-partit rikorrent, minbarra li żiedet tgħid li, ladarba s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju, 2015, ħassret is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tal-5 ta' Frar, 2015, jiġi li b'hekk tħassret ukoll dik il-parti mill-imsemmija sentenza li kienet ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari u l-kwestjonijiet kollha li tqajmu u li jistgħu jitqajmu jridu jerġgħu jitqiesu mill-ġdid mill-Qorti li quddiemha l-każ issa ntbagħat. Għalhekk, l-ilment tal-partit rikorrent jirrigwarda kwestjoni proċedurali li għadha miftuħa;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-17 ta' Lulju, 2015, mill-intimat Partit Nazzjonalista u minn Claudette Buttiġieġ, Frederick Azzopardi u Edwin Vassallo, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-persuni li kienu jirrappreżentaw lill-Partit Nazzjonalista ma kenux dawk li jissemmew fir-rikors promotur. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li bl-ebda mod ma kellhom sehem fil-mod kif ingħatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju, 2015, u għalhekk ma jaħtu għall-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tal-Partit rikorrent kif jallega, u l-interess waħdieni tagħhom fil-kawża kien dak ta' parti li talbet rimedju u ma jistgħux jitgħabbew bir-responsabbilita' tal-ħlas tal-ispejjeż. Żiedu jgħidu li l-Qorti Kostituzzjonali ma kisret l-ebda jedd tal-Partit rikorrent bis-sentenza li tat, għaliex għandu jkun ċar li ladarba dik il-Qorti ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti, u l-istess Partit tħalla jkun parti fil-kawża, kollox reġa' nfetaħ għall-istħarriġ tal-Qorti li quddiemha jinsab il-każ billi s-sentenza reġgħet ħalqet l-i*status quo ante*. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali dwar il-

ġurisdizzjoni kienu eżerċizzju li hija għamlet biex tara jekk il-ġudizzju mingħajr il-preżenza tal-Partit rikorrent kienx sħiħ jew le, iżda dawk il-konsiderazzjonijiet ma jagħlqux il-bieb għall-istħarriġ mill-ġdid tal-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni li l-Partit rikorrent jgħid li huwa mċaħħad milli jqajjem bħala parti msejħa fil-kawża. Huma temmew jgħidu li din l-azzjoni hija maħsuba biss biex ixxekkel il-mixi 'l quddiem tal-kawża li fetħu huma dwar ksur ta' jedd fundamentali li ġarrbu huma stess u li l-Partit rikorrent qiegħed iżommhom b'mod fieragħ u biex idejjaq milli jkomplu jsegwu, kif għandhom kull jedd li jagħmlu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur tal-istess Qrati fis-17 ta' Lulju, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-Partit rikorrent. Qal li huwa ma jwieġeb għall-ebda wieħed mill-ilmenti mqajmin mill-istess rikorrent, u li huwa ma kellu l-ebda setgħa jew sehem fuq il-proċeduri u l-eżitu tagħhom jew dwar dak li jinsab fih ir-rikorrent illum, u lanqas biss kien waħda mill-partijiet fil-kawża li dwarha ngħatat is-sentenza li dwarha jilminta r-rikorrent;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Avukat Ġenerali u Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali fl-20 ta' Lulju, 2015, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-intimat Segretarju Permanenti ddaħħal fil-kawża bla bżonn u mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; li l-azzjoni tressqet qabel waqtha, għaliex ksur tal-jedd għal smigħ xieraq irid jirriżulta mill-proċess sħiħ tal-kawża u mhux minn episodju wieħed jew minn biċċa minn proċess. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma sar xejn matul is-smigħ tal-kawża u bl-għoti tas-sentenza li jista' jitqies li kiser il-jedd tal-Partit rikorrent għal smigħ xieraq, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni. Is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju, 2015, ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti bla ebda riżerva u ordnat li l-kawża tinstema' mill-ġdid bil-Partit rikorrent jagħmel parti minnha bħallikieku kien fiha sa mill-bidunett. Il-Partit rikorrent ingħata smigħ xieraq kif imiss fl-istadju li huwa għoġbu jressaq l-appell tat-terz u ma sar xejn biex iċaħħdu milli jressaq kull sottomissjoni li deherlu xierqa qabel ma ngħatat is-sentenza li minnha jilminta. Il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti Kostituzzjonali għamlet dwar il-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni tqajmu mill-istess Partit rikorrent fl-appell imressaq minnu u kien minħabba dawk il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti Kostituzzjonali sabet li kellha s-setgħa li tqis l-appell u tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Żiedu jgħidu li l-jedd għal smigħ xieraq ma

jiggarantix id-dritt li parti f'kawża tqajjem xi eċċezzjoni partikolari, iżda li dik il-parti jkollha l-opportunita' li tiddefendi lilha nnifisha fil-kawża, u lanqas li sentenza tkun korretta, iżda li jingħatalha l-garanzija tal-protezzjonijiet proċedurali meħtieġa biex il-każ tagħha jinstema' kif imiss. Temmew jgħidu li l-jedd għal smigħ xieraq ma jagħtix garanzija għal jedd ta' appell;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Professur Edward Scicluna, Joe Debono Grech u Dottor Justyne Caruana fit-22 ta' Lulju, 2015, li biha iddikjaraw li kienu jaqblu li ladarba l-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-aggravju tal-Partit rikorrent dwar is-sejħa fil-kawża tiegħu u ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti minħabba nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju, hija kellha tħalli kull kwestjoni deċiża fis-sentenza mħassra sabiex tkun trattata u deċiża mill-ġdid b'ġudizzju sħiħ;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2015, li bih ordnat il-bdil fl-atti tar-rikors promotur, għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Partit Nazzjonalista, u semgħet id-dikjarazzjoni tal-istess Partit intimat li kien qiegħed jirtira l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti *nomine* fis-27 ta' Lulju, 2015[1], bid-dikjarazzjoni tax-xhieda li kien fi ħsiebhom iressqu;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Lulju, 2015[2], li ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju ħalli tisma' x-xhieda kollha li l-partijiet jidhrilhom li kellhom iressqu;

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti *nomine* waqt is-smigħ tal-21 ta' Jannar, 2016, li biha kienet qiegħda tirrinunzja għax-xhieda tal-Avukat Paul Borg Olivier u li ma kien għad fadlilha provi oħrajn xi tressaq, u fejn talbet li din il-Qorti tieħu konjizzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju, 2015;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2016, li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet (reġistrata u traskritta)[3];

---

[1] Paġ. 31 tal-proċess
[2] Paġ. 32 tal-proċess
[3] Paġġ. 60 – 74 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2016, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Il-Partit rikorrent (minn issa 'l hemm imsejjaħ "PL") jilmenta li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Konvenzjoni") bis-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza"). Huwa jgħid li għalkemm is-sentenza ħassret sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u ordnat li l-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid bl-istess PL jissejjaħ fil-kawża, il-Qorti Kostituzzjonali wriet il-fehma tagħha b'mod ċar dwar kwestjoni (tal-ġurisdizzjoni) li, f'kull każ, iddeċidiet dik il-kwestjoni u rabtet idejn il-Qorti li sejra terġa' tisma' l-kawża dwar x'imissha tiddeċiedi hija wkoll dwar l-istess kwestjoni. Il-PL, issa msejjaħ f'dik il-kawża, irid iqajjem dik il-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni (li huwa jgħid li issa hija determinata bis-saħħa ta' dak li jingħad fis-sentenza), u jgħid li minħabba f'hekk ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba li dik il-kwestjoni hija "pre ġudikata" qabel biss tista' ssir it-trattazzjoni tagħha;

Illi għal din l-azzjoni l-Kummissjoni Elettorali intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kummissjoni") laqgħet billi qalet li hija ma kienet taħti bl-ebda mod għal xi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-partit rikorrent, minbarra li żiedet tgħid li, ladarba s-sentenza ħassret għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tal-5 ta' Frar, 2015, jiġi li b'hekk tħassret ukoll dik il-parti mill-imsemmija sentenza li kienet ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari u l-kwestjonijiet kollha li tqajmu u li jistgħu jitqajmu jridu jerġgħu jitqiesu mill-ġdid mill-Qorti li quddiemha l-każ issa ntbagħat. Għalhekk, l-ilment tal-partit rikorrent jirrigwarda kwestjoni proċedurali li għadha miftuħa;

Illi l-intimati Partit Nazzjonalista (minn issa 'l hemm imsejjaħ "PN") u Claudette Buttiġieġ, Frederick Azzopardi u Edwin Vassallo laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-

persuni li kienu jirrappreżentaw lill-PN ma kenux dawk li jissemmew fir-rikors promotur. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li bl-ebda mod ma kellhom sehem fil-mod kif ingħatat is-sentenza u għalhekk ma jaħtu għall-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tal-Partit rikorrent kif jallega, u l-interess waħdieni tagħhom fil-kawża kien dak ta' parti li talbet rimedju u ma jistgħux jitgħabbew bir-responsabbilita' tal-ħlas tal-ispejjeż. Żiedu jgħidu li l-Qorti Kostituzzjonali ma kisret l-ebda jedd tal-PL bis-sentenza li tat, għaliex għandu jkun ċar li ladarba dik il-Qorti ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti, u l-istess PL tħalla jkun parti fil-kawża, kollox reġa' nfetaħ għall-istħarriġ tal-Qorti li quddiemha jinsab il-każ billi s-sentenza reġgħet ħalqet l-i*status quo ante*. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali dwar il-ġurisdizzjoni kienu eżerċizzju li hija għamlet biex tara jekk il-ġudizzju mingħajr il-preżenza tal-Partit rikorrent kienx sħiħ jew le, iżda dawk il-konsiderazzjonijiet ma jagħlqux il-bieb għall-istħarriġ mill-ġdid tal-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni li l-PL rikorrent jgħid li huwa mċaħħad milli jqajjem bħala parti msejħa fil-kawża. Huma temmew jgħidu li din l-azzjoni hija maħsuba biss biex ixxekkel il-mixi 'l quddiem tal-kawża li fetħu huma dwar ksur ta' jedd fundamentali li ġarrbu huma stess u li l-PL qiegħed iżommhom b'mod fieragħ u biex idejjaq milli jkomplu jsegwu, kif għandhom kull jedd li jagħmlu;

Illi, min-naħa tiegħu l-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur tal-istess Qrati laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-PL. Qal li huwa ma jwieġeb għall-ebda wieħed mill-ilmenti mqajmin mill-istess rikorrent, u li huwa ma kellu l-ebda setgħa jew sehem fuq il-proċeduri u l-eżitu tagħhom jew dwar dak li jinsab fih ir-rikorrent illum, u lanqas biss kien waħda mill-partijiet fil-kawża li dwarha ngħatat is-sentenza li dwarha jilminta r-rikorrent;

Illi l-intimati Avukat Ġenerali u Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-intimat Segretarju Permanenti ddaħħal fil-kawża bla bżonn u mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; li l-azzjoni tressqet qabel waqtha, għaliex ksur tal-jedd għal smigħ xieraq irid jirriżulta mill-proċess sħiħ tal-kawża u mhux minn episodju wieħed jew minn biċċa minn proċess. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma sar xejn matul is-smigħ tal-kawża u bl-għoti tas-sentenza li jista' jitqies li kiser il-jedd tal-PL għal smigħ xieraq, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni. Is-sentenza ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti bla ebda riżerva u ordnat li l-kawża tinstema' mill-ġdid bil-PL jagħmel parti minnha bħallikieku kien

fiha sa mill-bidunett. Il-PL ingħata smigħ xieraq kif imiss fl-istadju li huwa għoġbu jressaq l-appell tat-terz u ma sar xejn biex iċaħħdu milli jressaq kull sottomissjoni li deherlu xierqa qabel ma ngħatat is-sentenza li minnha jilminta. Il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti Kostituzzjonali għamlet dwar il-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni tqajmu mill-istess PL fl-appell imressaq minnu u kien minħabba dawk il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti Kostituzzjonali sabet li kellha s-setgħa li tqis l-appell u tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Żiedu jgħidu li l-jedd għal smigħ xieraq ma jiggarantix id-dritt li parti f'kawża tqajjem xi eċċezzjoni partikolari, iżda li dik il-parti jkollha l-opportunita' li tiddefendi lilha nnifisha fil-kawża, u lanqas li sentenza tkun korretta, iżda li jingħatalha l-garanzija tal-protezzjonijiet proċedurali meħtieġa biex il-każ tagħha jinstema' kif imiss. Temmew jgħidu li l-jedd għal smigħ xieraq ma jagħtix garanzija għal jedd ta' appell;

Illi l-intimati Professur Edward Scicluna, Joe Debono Grech u Dottor Justyne Caruana iddikjaraw li kienu jaqblu li ladarba l-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-aggravju tal-PL dwar is-sejħa fil-kawża tiegħu u ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti minħabba nuqqas ta' intergrita' tal-ġudizzju, hija kellha tħalli kull kwestjoni deċiża fis-sentenza mħassra sabiex tkun trattata u deċiża mill-ġdid b'ġudizzju sħiħ;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis il-kwestjoni tal-ilment fil-mertu, jixraq li jissemmew xi aspetti fattwali li jirrigwardaw il-każ u l-qafas taċ-ċirkostanzi mnejn iqum l-ilment tal-PL;

Illi wara li tħabbar ir-riżultat tal-Elezzjonijiet Ġenerali għall-għażla tad-deputati għall-Kamra tad-Deputati li nżammu fid-9 ta' Marzu, 2013, qamu kwestjonijiet dwar l-attribuzzjoni tal-voti mitfugħa mill-eletturi f'uħud mid-distretti elettorali, liema attribuzzjoni laqtet b'mod sfavorevoli l-elezzjoni ta' wħud mill-kandidati;

Illi fl-20 ta' Marzu, 2013, il-PN u l-intimati Claudette Buttiġieġ u Frederick Azzopardi fetħu kawża fil-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)[4] kontra l-Kummissjoni (aktar 'il quddiem issejħu fiha wkoll l-intimati Avukat Ġenerali, Edward Scicluna, Joe Debono Grech, Justyne Caruana u Edwin Vassallo) b'ilment dwar ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi l-PL ma kienx parti f'dik il-kawża;

[4] Rik. Kost. Nru. 26/2013

Illi fil-5 ta' Frar, 2015, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qatgħet il-kawża billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet f'parti t-talbiet tar-rikorrenti u sabet li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni dwar nuqqasijiet fil-proċess elettorali fit-tmien distrett elettorali u fil-jedd tal-PN li jkun rappreżentat fil-Kamra tad-Deputati skond il-proporzjonalita' murija mill-eletturi bil-preferenzi elettorali tagħhom; u kif ukoll billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet (fosthom dik dwar is-setgħa tal-Qorti li tisma' l-kawża) tal-Kummissjoni, tal-Avukat Ġenerali u ta' wħud mill-imsejħin fil-kawża;

Illi l-Avukat Ġenerali ressaq appell mill-imsemmija sentenza fit-18 ta' Frar, filwaqt li l-Kummissjoni wkoll kienet ressqet appell fl-20 ta' Frar, filwaqt li l-PN ressaq appell inċidentali fit-3 ta' Marzu, 2015;

Illi fl-24 ta' Frar, 2015, il-PL ressaq appell mill-imsemmija sentenza għall-finijiet tal-artikolu 236 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi bis-sentenza li ngħatat fid-29 ta' Mejju, 2015, il-Qorti Kostituzzjonali għar-raġunijiet hemm imfissra, ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti skond l-artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bagħtet l-atti "lura lill-ewwel qorti sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid wara li jissejjaħ il-Partit Laburista fil-kawża";

Illi din il-Qorti (diversament presjeduta) appuntat is-smigħ tal-kawża għat-23 ta' Ġunju, 2015;

Illi l-PL fetaħ din il-kawża dakinhar;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-ilment imressaq, il-PL jibni l-każ tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan b'riferenza biss għas-sentenza u mhux għal xi stadju wieħed jew ieħor tal-kawża li fiha ngħatat l-istess sentenza jew għall-imġiba tal-Qorti f'dik il-kawża. Minħabba l-għamla ta' proċediment li dwaru tressaq l-ilment, jidher ċar li l-kawża tal-PL tirreferi għall-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*". Min-naħa l-oħra, l-

artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*";

Illi la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jfissru sewwa x'jifhmu bil-kliem "smigħ xieraq" jew "smigħ imparzjali", u t-tifsira ta' dawn il-kunċetti tħalliet f'idejn il-qrati (kemm nazzjonali u l-Qorti ta' Strasbourg) biex jisiltu l-prinċipji ġenerali li huma meqjusa minn kulħadd bħala kriterji bażiċi ta' proċess ġudizzjarju mmexxi kif jixraq. Wieħed malajr jiġih f'moħħu r-regoli stabiliti ta' ħaqq naturali[5] li huwa l-kejl fundamentali li jiggarantixxi li lment imressaq jingħata smigħ kif imiss. Kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni jiddedikaw dispożizzjonijiet li jitkellmu speċifikatament dwar il-proċess kriminali, iżda l-fehma hi li dawk ir-regoli jgħoddu wkoll għall-proċediment ċivili, *mutatis mutandis*. Madankollu, huwa aċċettat ukoll li "*from the lack of such an enumeration with regard to civil cases, the Court has concluded that the requirements inherent in the notion of a 'fair hearing' in civil cases are not necessarily identical to the requirements in criminal cases and that there exists a 'greater latitude' for the national authorities when dealing with civil cases than when dealing with criminal procedures*"[6];

Illi fost l-elementi ewlenin identifikati mill-qrati għall-finijiet tal-Konvenzjoni, wieħed isemmi (a) l-prinċipju tat-trattament indaqs tal-partijiet ("*equality of arms*") f'dak li huma l-aspetti proċedurali tat-tmexxija tal-każ, (b) il-prinċipju tat-tressiq tal-provi biex parti ssostni l-każ tagħha jew tirribatti l-każ tal-parti l-oħra, (ċ) l-prinċipju tal-jedd tal-preżenza fil-każ u għal smigħ u (d) l-prinċipju li d-deċiżjoni jew sentenza li tingħata tkun waħda motivata b'raġunijiet biżżejjed u mħabbra b'mod pubbliku li tagħti lil kull parti l-jedd ta' appell fi żmien xieraq (fejn dan il-jedd huwa mogħti mil-liġi). Dan kollu jingħad lil hinn mill-ħtiġijiet ta' qorti li tkun 'il fuq mill-partijiet u mhux imxaqilba lejn naħa jew oħra u għal proċess li jitmexxa bil-ħeffa xierqa u bla tnikkir li jista' jkun evitat;

Illi huwa miżmum u stabbilit li l-kwestjoni dwar jekk parti f'kawża tkunx ingħatat smigħ xieraq jew jekk il-proċediment li fih kienet imdaħħla wassalx għal ksur tal-jedd tagħha ta' smigħ xieraq, trid titqies b'riferenza għall-proċediment kollu u wara li jkun intemm dak il-proċediment[7], u mhux dwar biċċa minnu jew xi episodju partikolari, b'mod partikolari jekk

---

[5] *Audi et alteram partem, nemo judex in causam propriam* u l-għoti ta' deċiżjoni raġunata
[6] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th Edit) pġ 579
[7] Q.E.D.B. **24.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Imbrioscia vs Żvizzera*** (Applik. Nru. 13972/88) §38; u Q.E.D.B. **2.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Dimech vs Malta*** (Applik. Nru. 34373/13) § 43

kemm-il darba tali episodju sata' jkun rettifikat fi stadju ieħor tal-kawża[8] u fejn ir-rimedji li jintalbu u li jistgħu jingħataw ikunu "tempestivi, effettivi u xierqa"[9]. Din ir-regola tgħodd sakemm il-parti ma turix li l-episodju jew iċ-ċirkostanza partikolari hija ta' serjeta' jew gravita' hekk kbira jew qawwija li twassal biex, minħabba fiha, dak il-proċediment sejjer jintlaqat bil-ksur lamentat ukoll jekk l-ilment jitressaq qabel ma jkun intemm il-proċediment u tkun serja biżżejjed li twassal għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[10];

Illi l-Qorti tqis li l-każ li għandha quddiemha llum huwa wieħed li jaqa' sewwa fir-regola msemmija. Is-sentenza li dwarha jilminta l-PL mhux talli ma temmitx il-kawża, iżda talli fetħitha biex tibda tinstema' mill-ġdid bl-istess PL jagħmel parti minnha daqslikieku għadha tinfetaħ. Fl-istadju li reġgħet tqiegħdet il-kawża, il-PL ingħata kull fakulta' u stat li jingħata lil kull parti li kontra tagħha tinfetaħ kawża ġdida. Din iċ-ċirkostanza hija fundamentali għas-siwi tal-ilment tal-PL u għall-kejl li jmissha tieħu din il-Qorti biex tqis seħħx il-ksur li huwa jgħid li ġarrab;

Illi l-PL jgħid li s-sentenza iddeterminat b'mod li jorbot kwestjoni li hu ried iqajjem qabel u bla ma ngħata opportunita' li jittrattaha. L-intimati jisħqu li ladarba s-sentenza ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti, kull eċċezzjoni reġgħet tqiegħdet fil-pożizzjoni li għadha miftuħa u dibattibbli quddiem il-Qorti li għandha jinsabu rimessi l-atti tal-kawża;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-deliberazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ma kinux ir-raġuni u lanqas l-effett li għalih ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Kemm hu hekk, bis-saħħa tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti Kostituzzjonali għamlet dwar il-kwestjoni ta' liema qorti kellha s-setgħa li tqis l-azzjoni tal-PN u ż-żewġ kandidati tiegħu, is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Frar, 2015, kienet konfermata billi l-appell minn dak il-kap kien miċħud. Ir-raġuni waħdanija u effettiva għaliex il-Qorti Kostituzzjonali waslet biex tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet in-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju, minħabba li l-PL ma kienx jagħmel parti mill-kawża sa dakinhar. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tqis li kien ikun "agħar" għall-PL li kieku kien hemm biss il-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni, għaliex is-sehem tiegħu fil-kawża minn dak l-istadju 'l quddiem kien ikun wisq aktar limitat f'dak li jirrigwarda l-jedd tiegħu li jressaq il-każ tiegħu;

---

[8] Kost. **15.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.379**)
[9] Kost. **25.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Untours Insurance Agency Ltd et noe vs Victor Micallef et*** §13
[10] Ara P.A. (Kost.) RCP **17.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Farruġia et vs L-Avukat Ġenerali et*** (mhix appellata) u s-sentenzi hemm imsemmija

Illi min-naħa l-oħra, ma jidhirx li kien għaqli li l-Qorti Kostituzzjonali tgħaddi biex tqis l-ilment tal-PL (bħala terz appellant) dwar l-aspett tal-integrita' ta' ġudizzju, qabel ma tqis il-kwestjoni ġurisdizzjonali li qanqlu l-intimati appellanti l-oħrajn (u l-istess PL) u wħud mill-imsejħin fil-kawża. Għalhekk ladarba dak li jorbot f'sentenza huwa l-parti deċiżjonali tagħha, u ladarba s-sentenza ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti fuq il-kawżali tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju, il-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni ma setgħet bl-ebda mod titqies bħala r-raġuni li fuqha hija msejsa d-"*decide*" tas-sentenza, u għaldaqstant ma torbotx lill-Qorti li lilha ġew rimessi l-atti dwar jekk hija taħsibhiex mod ieħor dwar dik il-kwestjoni u dan għaliex dwar dik il-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni ma jeżistix ġudikat;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-effetti legali ta' dik il-parti deċiżjonali tas-sentenza jiddeterminaw il-qagħda legali tal-PL fl-istat attwali u, fiċ-ċirkostanzi, il-fehmiet li setgħet tat il-Qorti Kostituzzjonali f'dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni ma jikkostitwixxu l-ebda rabta ta' ġudikat u la fuq il-PL jew xi waħda mill-partijiet fil-kawża u lanqas fuq il-Qorti li quddiemha l-atti reġgħu ntbagħtu biex il-kawża tinstema' mill-ġdid. Fit-tieni lok, il-fatt li l-kawża kellha tibda tinstema' mill-ġdid bil-PL bħala parti msejħa fil-kawża jfisser li kollox kellu jerġa' jibda mill-bidu bla ma jittieħed qies ta' dak li seta' kien deċiż qabel ma s-sentenza ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Fit-tielet lok, il-PL ma ċċaħħad bl-ebda mod milli jressaq l-eċċezzjonijiet li deherlu xierqa (magħduda dik sewwasew dwar il-ġurisdizzjoni) u li dwarhom hu mistenni li jkollu jew kellu kull opportunita' li jressaq provi u jagħmel sottomissjonijiet. Fir-raba' lok, dan kollu jingħad fil-qafas tal-qagħda li fis-sistema proċedurali ta' Malta ma tgħoddx ir-regola ta' "*stare decisis*" u li Qorti li tagħti sentenza fuq xi punt ta' dritt tagħmel dan fuq il-konvinċiment u l-fehma tagħha skond il-liġi. Lil hinn mill-kwestjoni jekk dan huwiex għaqli jew le, la l-Qorti Kostituzzjonali nnifisha (dwar is-sentenzi tagħha) u lanqas l-ebda Qorti oħra ma hija marbuta b'dak li jingħad f'xi sentenza ta' xi Qorti oħra, aktar milli jkollha effett persważiv li wieħed jista' jqis u li wkoll jista' ma jqisx, skond il-konvinċiment aħħari tal-Qorti li trid tagħti sentenza. Il-fatt li l-Qrati joqogħdu fuq pronunċjamenti ta' Qrati oħrajn fl-għoti tas-sentenzi tagħhom ma jwassalx b'daqshekk biss biex jista' jingħad li huma marbuta li jagħmlu dan;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-Avukat Ġenerali, mill-Kummissjoni u mill-PN dwar l-effetti u l-implikazzjonijiet legali tal-parti deċiżiva tas-sentenza u tqis li l-ilment tal-PL f'dan ir-rigward ma jurix li huwa ġarrab jew sejjer iġarrab ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq minnu lmentat. Għall-kuntrarju, tqis li l-biżgħa murija mill-PL dwar li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ġie kompromess b'mod

mhux rimedjabbli hija biżgħa mhux f'postha. Kif tenna l-għaref difensur tal-istess PL waqt it-trattazzjoni tiegħu tal-għeluq, il-PL jistenna li "tpoġġini fil-pożizzjoni li nkun nista' nagħti eċċezzjonijiet tiegħi għat-talbiet u r-rikors oriġinali"[11] u li jkollu l-garanzija li mhux "issa lili ħa ċċaħħadni dik it-trattazzjoni li għamlu l-oħrajn fuq dik l-eċċezzjoni fuq dik il-kawża li ġiet annullata"[12]. Fil-fehma tal-Qorti, s-sentenza tagħmel sewwasew hekk u l-kundizzjonijiet biex il-PL ikollu smigħ sħiħ u xieraq (ukoll tal-eċċezzjoni li ried iqajjem dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza f'każ bħal dan) ingħataw b'dik l-istess sentenza;

Illi għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba għaliex ma tirriżultax mistħoqqa;

Illi dan ifisser li l-Qorti ma għandhiex għalfejn tqis aktar it-**tieni talba** minħabba li mhuwiex il-każ li l-Qorti tagħti xi direttivi jew ordnijiet biex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti *nomine*, u dan aktar u aktar minħabba l-proċedimenti li għadhom għaddejjin quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawża l-oħra u li dwarhom ir-rikorrenti *nomine* f'din il-kawża ma qanqlu l-ebda lment. B'mod partikolari, din il-Qorti ma tqisx li, kif issottometta l-għaref difensur tal-PL waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tiegħu[13], hija għandha tidderieġi lill-Qorti li quddiemha l-atti tal-kawża ntbagħtu bis-saħħa tas-sentenza (jew lil xi Qorti oħra fi stadju ogħla, jekk ikun il-każ) dwar kif għandha tħares lejn l-istess sentenza jew dwar x'ma għandhiex tqis minnha. Kif ingħad f'dan ir-rigward "*F'din is-sede l-kompitu ta' l-Qorti huwa li taċċerta ruħha li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet tutelati mill-Konvenzjoni mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-qrati l-oħrajn sabiex tgħid kienux deċiżi korrettament inkella le*"[14];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba** tar-rikorrenti *nomine* billi ma ntweriex li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet "*Partit Nazzjonalista et vs Kummisjoni Elettorali et*" (Rik. Kost. Nru. 26/13) kisret jew sejra tikser il-jedd tal-istess rikorrenti *nomine* kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba** billi din hija marbuta ma' u konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

[11] Traskrizzjoni tat-trattazzjoni f'paġ. 61 tal-proċess
[12] *Ibid.* f'paġ. 64
[13] *Ibid.* f'paġ. 66
[14] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel sive Charles Cutajar vs Avukat Ġenerali et***

**Tordna** li r-rikorrenti *nomine* jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' April, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**13 ta' April, 2016**